MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75/8

**Il-Gimgha 8 ta` Lulju 2022**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

075.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

075.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

075.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

075.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

075.5 Jum il-Gudja 2022 u Attivitajiet Kulturali Oħra;

075.6 Rapporti;

075.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Ġnien Raymond Caruana – progress
   d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh - progress

075.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

075.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 075.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti ma kienx hemm ittri ta` apologiji.

### 075.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Dawn l-item ma giex diskuss.

### 075.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Dan l-item ma giex diskuss.

### 075.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

075.4.1 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Direttur Gernerali dwar il-bye law tal-parkegg, fejn ghal darb`ohra din giet rifjutata. Is-Sur Caruana qal li jinsab dispjacut hafna ta` dan, ghax hemm diversi Kunsilli Lokali li ghandhom timed parking u propona sabiex il-Kunsill jerga` jiftah diskussjonijiet mall-entitajiet kkoncernati u l-Kunsill jerga` jara x`hemm hazin u ghalfejn il-Kunsill taghna qed jigi mcahhad milli jkollu din is-sistema bhal lokalitajiet ohra.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill m`ghandux jaqta` qalbu u jibqa` jirsisti dwar dan mall-entitajiet kkoncernati. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill irid jara li linji gwida li nigu moghtija jkunu cari u certi minnhom. Is-Sindku ziedet tghid li f`lokalitajiet ohra kienu saru bi skema li kien hemm dak iz-zmien. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill ghamel dak li qalulu l-entitajiet u xorta din giet rifjutata. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jevalwa aktar sew kif din is-sistema ta` parkegg ghandha tigi regolata u jekk hemmx il-possibilita ta` xi pjan iehor kif din tista` ssir b`mod ahjar qabel ma jerga` jipprezenta lill-entitajiet ikkoncernati. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex terga` isir laqgha mall-entitajiet ikkoncernati fl-iqsar zmien possibli.

**075.5 Jum il-Gudja u Attivitajiet Kulturali ohra;**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita ta` Jum il-Gudja fejn qalet li l-preparamenti kienu lesti hlief ghal xi affarijiet zghir. Giet prezentata l-kwotazzjoni tal-kwartett li ser idoqq matul s-serata, fejn din giet approvata minn dawk prezenti. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitlob x`siltiet ser jindaqqu. Is-Sindku ghamlet referenza ghall-partecipazzjoni tal-baned fejn qalet li ser jieqfu ftit qabel minhabba li ghandhom servizz iehor f`post iehor. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku ziedet tghid li tokens kienu gew ordnati u bnadar ukoll.

**075.6 Rapporti;**

Ma kienx hemmx rapporti.

**075.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

**075.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti nru 38/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €66,671.35 u ġiet approvata nem con.

**075.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta u kwart ta` filghaxija (6:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 19 ta` Lulju 2022 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta` Awwissu 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv